MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 17

13 ta' Awwissu 2020

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier

Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.35pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sinjuri Mangion, Bartolo u Galea .

## 17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

17.1.1 Ġew skużati s-Sinjuri Mangion, Bartolo u Galea li għal raġunijiet privati ma setgħux jattendu.

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

17.2.1 Il-minuti ġew approvati wara li l-Avukat Helen Caruana ikkummentat li fil-minuti 17 item 16.3.1 hemm nieqsa l-kelma **ħareġ**. Din ħa tiżdied. Is-Sur Giorgio Schembri qal ukoll li flok il-kelma **MEPA** aħjar titniżżel **PA.**
5.41pm Daħal is-Sur John Bonnici minħabba li kellu problemi bl-*online* id-dar.

## 17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

17.3.1 ***Mozzjoni***
Is-Sur Cordina xtaq jiġbed l-attenzjoni li rigward il-Mozzjoni li għaddiet fil-laqgħa preċedenti aktarx li l-gurnata li fiha ġie deċiż li jsir Jum Ħ'Attard taħbat mad-duluri.

17.3.2 ***Tender Knis***
Is-Sur Cordina qal li issa li għadda **ż**-żmien tal-appell fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni u bi qbil mal-Kunsill it-Tender ġie mgħoti lil RM Eco Services €76,549.20.

17.3.3 ***Ġbir ta' Ħġieġ***
Is-Sur Cordina qal li rigward il-ġbir tal-ħġieġ hemm direttiva minn Wasteserv li l-ħġieġ ma jistax jibqa' jitħallat mal-kartun u plastik u jrid jinħareġ f'kontenituri *reusable.* Fil-fatt, kompla jgħid li l-Kunsill ta' Ħ'Attard kien proattiv u permezz tal-i*scammels* mgħammra bi *twin cab* mhux sa tkun daqstant problema minħabba li faċilment il-kartun jista' jintefa' naħa u l-ħġieġ oħra. Għaldaqstant il-Kunsill talab permess tal-AKL biex ma jinbidel xejn min-naħa ta' Ħ'Attard u jibqa' kollox kif inhu. L-Avukat Brincat qal li jekk kulħadd ħa joħrog il-*bins* tal-Wasteserv dawn sa jitħalltu, jrid iġibu lura u anka fis-sitwazzjoni ta' Covid dan mhux sa jerġa jiddaħħal lura. Il-Perit Schembri qal li jaqbel mal-Avukat Brincat u l-Wasteserv għandhom ikunu nfurmati u j**ż**idu l-provista tal-*bins* għax dawn it-tip ta' bins mhumiex iddisinjati għall-barra u l-kullettur ibattal u jitfa' l'hemm. Il-Kunsill, qal is-Sur Cordina, ma jistax jixtri *bins* hu. Il-kuntrattur jaf li jrid jibda jissepara u li hemm problemi oħrajn bħal li l-ħġieġ dirett ikisser is-*seals* u ssir ħsara lit-trakk.

Is-Sur Bonnici qal li għandha tintuża kaxxa tal-kartun li hija iktar vijabbli. Qal ukoll li hemm blokka fi Triq is-Salvatur li ma jisseparawx. L-Avukat Caruana ssuġġeriet li ssir *mailshot* u tiġi annessa l-iskeda. Is-Sur Cordina qal li mhux l-ewwel darba li ħaddiema qassmu l-iskeda f'dawn it-tip ta' blokkok. Qal ukoll li f'*chat* bejn is-Sindki hemm għajta komuni fuq in-nuqqas ta' *enforcement* u l-ammont ta' skart speċjalment ħdejn il-*bring in sites* u l-pass għaqli li sar mill-

Kunsill meta tneħħew il-*bring in sites* minn Ħ'Attard. Il-Perit Schembri qal li dan huwa *mismanagement* min-naħa ta' Wasteserv għax anka biex jarmu titħalla tidħol vettura kummerċjali darba fis-sena biss u mhux kemm taqbad u tinponi fuq il-Kunsill jekk m'hemmx *enforcement.* Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill xeba jneħħi trakkijiet mormija llegalment bi nfieq ta' flejjes żejda. L-Avukat Caruana qalet li taqbel ma dak kollu li ntqal imma li għandha tintbagħat ittra ftit ħarxa li fiha jingħad jekk hemm bżonn li ha tittieħed azzjoni ulterjuri anka permezz ta' multi bħal każ li semma s-Sur Cordina tal-*grouting* fi Triq il-Mixtla fejn ingħatat multa żgur mhux ta' xi €100.

Is-Sur Cordina qal li kieku vera jsir *enforcement* kieku sewwa imma mhux tibgħatilhom u mbagħad ma jsir xejn. Il-*mailshots* jintbagħtu imma bħal każ ħdejn Versal mhux darba ntbagħtu ittri imma xorta jibqgħu jippersistu joħorġu skart f'kull ħin tal-ġurnata. Is-Sur Fava qed jipprova jaqbad u jmexxu b'xi tip ta' *green wardens* u kif kien issuggeixxa żmien ilu jiġu assenjati żewġ gwardjani mal-lojkalità fuq dan ix-xogħol. Jew bħal ma qed isir il-Mellieħa bil-*Community Officers* u fejn ikun hemm xi ħaġa ħażina jintervjenu huma. L-Avukat Brincat qal li la tkun avżajt darba tnejn wieħed għandu jmexxi bil-Pulizija pero' diment li jinqabad fil-fatt kompla s-Sur Cordina. L-Avukat Brincat qal li jekk ikun hemm każijiet fejn dan jiġri ikun hu stess li jitla' xhud u jmexxi fejn jinzertaw każijiet sporadiċi.

Il-Perit Schembri semma wkoll il-*cameras* li jiġu nstallati *random*. Is-Sur Cordina qal li dan is-suġġett ġa ġie diskuss fejn il-LESA tgħin fejn jidħlu vetturi u *dumping* imma ma jistax ikun jitla' xhud is-Sur Cordina f'każ fejn hemm persuna li armiet illegalment. Tkompliet id-diskussjoni fuq it-taħrikiet u kemm hu diffiċli li jinħarġu multi fil-każ ta' individwi li jarmu u ma jinqabdux fil-fatt u li ż-żmien tal-boroż bic-cippa għadu remot ħafna.

Sar suġġerment tal-aħħar mill-Avukat Brincat biex jintbagħat flier fid-djar u n-nies jiġu nfurmati bit-tibdil.

17.3.4 ***Stqarrija***
***Facebook - 26 ta' Lulju 2020***

Inqrat mis-Sindku fuq każ ta' rapport li sar minn persuna mara jew raġel fuq fb u fejn issemmew ismijiet personali ta' individwi oħra. Din l-istqarrija nqrat sabiex jiġi iddeplorat dan l-għaġir u jitwassal messaġġ ġaladarba ġie mżeffen il-Kunsill kollu

.

## 17.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

17.4.1 Dr. H. Caruana

- Saqsiet kif baqa' il-Kunsill fuq Triq A. Durer. Qalet li taf li saret laqgħa kif infurmata mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Cordina qal li iva l-laqgħa saret imma għadhom qed jistennew risposta fuq dak li ntqal.

17.4.2 C. Scerri

- Qalet li hemm 44 bus shelter ġdid li se jsiru madwar ir-raħal u tispera li wieħed minnhom ikun ta' Triq il-Linja. Is-Segretarju Eżekuttiv intervjeniet waqt li s-Sindku kien qed jitkellem biex tirrimarka li dan l-item ġa kien ġie diskuss fl-aħħar laqgħa fejn intqal li l-area ma tippermettix li ssir *platform* għax m'hemmx wisa' biżżejjed. Is-Sinjura Scerri

baqgħet tinsisti li tinstab pożizzjoni oħra imma dan il-bus shelter ġa ċċaqlaq darbtejn u ma jistax ikun jinqala' u jsir quddiem bibien in-nies. Il-Perit Schembri qal li biex jiċċaqlaq trid ħsieb u hija biċċa uġiegħ ta' ras li mhix responsabbiltà tal-Kunsill. Is-Sinjura Scerri qalet li għandhom il-bżonn u dawn in-nies iridu jinqdew u li issa qalet lill-Kunsill biex ikun jaf. Is-Sur Cordina qal li dan ġie spjegat darba tnejn u mhux kemm tgħid li qalet lill-Kunsill qisu tefgħet il-ballun u daqshekk. Hi qalet li jrid jiġi spjegat lilhom minnha li ma jiddependix mill-Kunsill għax ġa mexa darbtejn, imma li ma jistax ikun jiċċaqlaq quddiem bibien in-nies.

- Saqsiet fuq in-niċċa. Is-Sur Cordina qal li sar rapport mill-Perit u anka lill-Heritage. Aktarx ħa terġa' titpoġġa f'postha imma ma jafx eżatt
- Saqsiet fuq il-gandotti ta' ħdejn l-Ivory and Co. u li dawn ma gewx maħduma sew filwaqt li oħrajn ġew magħmula puliti u kif suppost. Is-Sur Cordina qal li mhux il-każ kif qed jitpoġġa li saru puliti għax quddiem xi bażużlu. Tal-Ivory and Co. kien temporanju u vera mhux pulit, però trid terġa' tinqala t-triq jingirfu u jsiru kif suppost.
- Qalet li pruvat tidħol online ħabba moblity week imma ma rnexxiliex u saqsiet jekk il-Kunsill irċeviex xi ħaġa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċeviet xejn.

## 17.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

17.5.1 Is-Sur Cordina qal li x-xogħol ta' manutenzjoni baqa' għaddej. Fi Ġnien Misraħ Kola kien hemm funtana u din ġiet eliminata wara li xeba' jintefa' sapun tal-platti ġo fiha u kull darba ssirilha l-ħsara. Issa ġiet mimlija bil-ħamrija u se jinżergħu xi pjanti.

## 17.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

17.6.1 L-Avukat Caruana saqsiet fuq:
Item 18 Air Master - Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'Ġunju 2019 tas-sena l-oħra kien inkera AC unit minħabba li kien mar l-AC tas-Sala u waqt l-*inputting* indunat li fil-fatt dan iċ-ċekk qatt ma ssarraf. Għalhekk inħareġ ċekk ieħor minħabba li dan intilef u ġie eliminat mis-Sage u BOV plc.
Item 29 Spinning Photos – Is-Segretarju spjegat li r-Reġjun Ċentru ħareġ skema fejn alloka somma flus sabiex isir virtual 360˚ tal-Knisja minn ġewwa. Dawn il-flus ħa jiġu rifużi mir-Reġjun.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtaqet tinforma l-Kunsill li żiedet żewġ pagamenti li jikkonsistu f'rimbors ta' xiri għall-Uffiċċini €63.93 u kont ieħor ta' Globe Stationery ta' €355.56.

## 17.7 Mozzjonijiet; u

17.7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 17.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

17.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.38pm u ġiet aġġornata għas-17 ta' Settembru 2020 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 17 ta' Settembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |